Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 49/15

**Minuti tal-49 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2015**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fil-12:00 (nofsinhar) fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-President Samuel Azzopardi, il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri, Salvu Borg, David Apap, Anthony Cassar, Frans Cauchi, Mario Azzopardi, Nicky Saliba, u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv). Skużat Joe Cordina (membru)

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

1. Intqalet t-talba. Inqraw il-minuti. Il-minuti tat-48 laqgħa ġew approvati unanimament.

2. **Korrispondenza**

2.1 Kopja tal-mozzjoni rigward il-camera ta' Pjazza San Franġisk kif diskussa fil-Kunsill tal-Belt Victoria nhar it-30 ta' Jannar 2015. Il-President iddikjara kunflitt ta' interess fuq din il-materja. Peress li ma kienx hemm quorum fl-assenza tal-President, din il-materja għandha tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

3. **Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-membri preżenti ddiskutew ir-rapport kif preżentat mis-Segretarja tal-Board Miriam Attard, u ffirmat mill-membri tal-istess Bord tal-għażla, David Agius bħala Chairperson, u Mario Azzopardi u Joseph Sultana bħala membri. Il-Kumitat Reġjonali approva ir-rapport tal-Bord tal-Għażla li juri li s-Sur Ian Paul Bajada (3781G) ġie l-ewwel u s-Sur George Refalo (2975G) ġie t-tieni. Il-Kumitat Reġjonali qabel li l-għażla għandha tmur fuq Ian Paul Bajada. Il-Kumitat Reġjonali qabel Fin-nuqqas t' aċċettazzjoni minn naħa ta' Ian Paul Bajada, l-għażla għandha taqa' fuq it-tieni fil-lista, is-Sur George Refalo.

**4. Materji oħra**

4.1 Il-President waqt li rringrazzja lil dawk is-Sinki u rappreżentanti fil-Kumitat Reġjonali li mhux ser jerġgħu jikkontestaw l-elezzjonijiet tal-11 t' April 2015, ppropona li bħala turija t'apprezzament issir ikla. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Id-dettalji għandhom jitħabru lill-membri aktar 'il quddiem.

Dr Samuel Azzopardi
President

Joseph Sultana
Vici President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv